




## MESSAĠĠ MILL-KAP TAL-ISKOLA



Jingħad li bniedem bla kultura qisu żebra mingħajr strixxi! Dawn l-aħħar snin l-iskola tagħna applikat b'suċċess u kisbet fondi mill-Kunsill Malti għall-Arti għal Proġett Kreattiv li permezz tiegħu l-iskola toħloq inizjattiva li tippromwovi l-kultura u l-arti fost l-istudenti.



Din l-aħħar sena ħdimna fuq proġett mill-aktar interessanti. Il-proġett 'Mużajk' ġab flimkien studenti b'ħiliet u talenti differenti, awturi u artisti professjonali. Dan il-proġett emmen fil-ħiliet ta' studenti kapaċi fil-kitba kreattiva u laqqagħhom ma' awturi stabbiliti bħal Trevor Zahra, Rita Saliba u Leanne Ellul li għenuhom jesperimentaw bil-poeżija, fil-forom differenti tal-versi u r-rima tagħha u ħeġġewhom imiddu l-ewwel pass fil-kitba tal-poeżija.



Dan il-proġett laqqa' wkoll lil dawn l-istudenti mal-kompożitur bravu Mro Dominic Galea li bis-suġġerimenti tiegħu għenhom jaqilbu l-poeżija tagħhom f'lirika waqt li fil-preżenza tal-istess studenti ispira ruħu u kkompona melodiji adattati għat-tema u sentiment tal-lirika. Studenti oħrajn, kapaċi fil-kant, interpretaw u rrekordjaw dawn il-kanzunetti fir-recording studio tal-iskola.



Min-naħa tiegħu l-artist Antonio Mifsud ħadem mal-istudenti tal-arti tat-tielet u r-raba' sena skolastika. Flimkien analizzaw il-poeżiji u kull student ħa spunt minn poeżija partikolari u ħalla l-immaġinazzjoni u l-kreattività timraħ bih taħt l-għajn esperta tal-artist.




*kompli fuq paġna 2..*



**Kulleġġ San Benedittu, Skola Sekondarja, Ħal Kirkop**
*Sħaħ fl-ispirtu u fil-ħidma*
☎ 2598 4400, 2598 4414
✉ sbc.kirkop.ss@ilearn.edu.mt
💻 http://www.kulleggsanbenedittubs.com

*...ikompli minn paġa 1*





Ix-xogħlijiet ta' dawn l-istudenti ġew esebiti f'serata mill-isbaħ li ttellgħet nhar l-Erbgħa 29 ta' Mejju. Matul il-proġett, l-istudenti tgħallmu ħafna. Apparti t-teknika, l-istudenti tgħallmu jemmnu fihom infushom, ma jibqgħux lura u jressqu x-xogħol tagħhom 'il quddiem.

Proġett bħal dan ma kienx ikun possibbli mingħajr is-sehem ta' ħafna nies ewlenin fosthom id-Dipartiment tal-Malti, id-Dipartiment tal-Arti, il-Kap tad-Dipartiment tal-Lingwi, tekniċi, studenti, artisti u l-Kunsill Malti għall-Arti. Ħafna nies li bħal bċejjeċ ta' mużajk ilkoll flimkien jagħmlu l-isbaħ tila.

*Is-Sur M. Bondin*
Kap tal-Iskola

# IL-PROĠETT eDUCATE



F'nofs Mejju grupp ta' 15-il student/a mill-iskola tagħna flimkien mas-Sur Keith Scicluna, is-Sinjorina Romina Mamo u l-assistent kap is-Sinjura Pamela Schembri żaru l-Ġermanja biex jieħdu sehem fi skambju li jagħmel parti mill-proġett tal-Erasmus "eDUCATE". Il-proġett sar fi Frankfurt fejn l-istudenti qattgħu sitt ijiem. Waqt li kienu hemm, l-istudenti segwew programm vast flimkien ma' studenti mill-Italja, Spanja, l-Italja, l-Ingilterra u l-Ġermanja. Fost l-attivitajiet kellhom ukoll diversi workshops relatati mad-drama, b' sessjonijiet ta' shadow theatre, ta' kant korali, Capoeira, u żfin kontemporanju.

Huma żaru wkoll l-iskola tal-ospiti Ġermaniżi Georg-Büchner-Schule u kien hawnhekk li tellgħu il-play li kienet iġġib it-titlu ta' Freedom. Dan ix-xogħol teatrali sar kollu mill-istudenti u ntlaqa' verament tajjeb minn dawk kollha li attendew ir-rappreżentazzjoni.

Waqt din iż-żjara l-istudenti żaru l-aktar postijiet turistiċi fi Frankfurt u saħansitra telgħu fir-raba' l-aktar bini għoli f'din il-belt Ġermaniża.

Din l-esperjenza kienet ta' benefiċċju għall-istudenti mhux biss għaliex tathom għodda biex ikabbru t-talenti li jħaddnu fil-qasam teatrali però wkoll għenithom ikunu indipendenti. F'dawn is-sitt ijiem l-istudenti kellhom jaħsbu għal rashom, jieħdu ħsieb l-affarijiet tagħhom, iqassmu flushom u ma jiddependux fuq il-ġenituri għal kull ħaġa li jkollhom bżonn fost l-oħrajn.

# EKOSKOLA



Din is-sena l-kumitat tal-Ekoskola ddeċieda li jaħdem fuq is-seperazzjoni tajba tal-iskart fl-iskola. Fil-bidu ta' din is-sena skolastika kien hawn furur fuq is-separazzjoni tal-iskart madwar il-pajjiż u kien għalhekk li l-istudenti ħasbu li tkun xi ħaga f'lokha li anke fl-iskola dan isir b'mod tajjeb.

Sar environmental review li fih l-istudenti daru mal-iskola u raw x'bins diġà jeżistu u x'hemm bżonn isir. Ħadu nota tan-numru ta' bins li wieħed isib fil-klassijiet u fil-btieħi u raw kemm kien in-numru ta' bins li għandhom jiżdiedu. Sadattant għamlu stickers / karti laminati bit-tabelli li jispjegaw x'wieħed għandu jitfa' fil-bins.

L-istudenti ħarġu wkoll b'eco code ta' affarijiet li għandhom isiru fl-iskola, dejjem relatati mas-seperazzjoni tal-iskart. Dawn komplew sebbħu n-notice board ta' Ekoskola b'ritratti u posters addattati.

Wara daru l-klassijiet u l-uffiċċji u poġġew bin għal skart riċiklat u bin għal skart ġeneriku. Fil-foyer u fil-btieħi minbarra dawn il-bins, tpoġġew ukoll bins għal skart organiku. Dawn tpoġġew ukoll fl-istaffrooms. Tajjeb wieħed jirringrazzja lil wasteserv li provdewlna bins kbar għal btieħi.

Fuq l-istess binarju, l-istudenti ħasbu li jieħdu ħsieb ukoll il-bins tal-batteriji. Dawn tbattlu mill-batteriji li kien fihom u tpoġġew f'postijiet li jistgħu jintlaħqu aħjar.

Wara bdiet il-kampanja ta' informazzjoni. L-istudenti ta' Ekoskola tkellmu waqt l-assemblies biex jispjegaw lil sħabhom l-għan li għandu l-kumitat tal-Ekoskola. Saru laqgħat mal-purtinara biex dawn juzaw il-boroż bil-kulur it-tajjeb u biex tinqasam l-informazzjoni magħhom ukoll.




Saret paġna fuq facebook u llum qed ikun ippubblikat ukoll dan l-artiklu fil-Kuntatt bl-għan li tkompli titqajjem kuxjenza dwar is-seperazzjoni tajba tal-iskart.

L-istudenti ta' Ekoskola jixtiequ jirringrazzjaw lil Wasteserv tal-bins li provdew, lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop għall-boroz li ta u lill-għalliema li ħadmu magħhom biex jilħqu l-għanijiet tagħhom fosthom is-Sa Refalo, is-Sa Caruana, is-Sa Haber, is-Sa Schembri u l-assistenti kapijiet s-Sa Gatt u s-Sa Schembri.






# MALTA MATHEMATICS OLYMPIAD 2019

Bejn Novembru 2018 u April 2019, erba' studenti mill-iskola tagħna attendew għal numru ta' sessjonijiet ta' taħriġ waqt il-brejk it-twil tagħhom. Matulhom, Liam Vella (tal-10 sena), Kylie Sciberras (tal-10 sena), Marcette Polidano (tad-9 sena) u Julia Portelli (tad-9 sena) kienu jaħdmu problemi matematiċi avvanzati biex jippreparaw ruħhom għall-**Maths Olympiad**. Dan l-avveniment isir kull sentejn u fih ilaqqa' studenti mill-iskejjel kollha ta' Malta u Għawdex, li huma l-aktar kompetenti fil-Matematika. Il-kompetizzjoni tikkonsisti fi tliet sessjonijiet ta' 45 minuta u l-istudenti jridu jwieġbu bil-miktub il-mistoqsijiet li jingħatawlhom. Huma jikkompetu bejniethom, kemm fuq bażi individwali kif ukoll fuq bażi ta' skola. Permezz tal-istudenti tagħna, l-iskola rnexxielha takkwista l-11-il post mill-31 skola parteċipanti u t-tieni post mill-iskejjel kollha tal-gvern. Prosit lil dawn l-istudenti u nawgurawlhom ikomplu jieħdu interess fil-Matematika.











# ID-DIPARTIMENT TAL-MATEMATIKA U L-MALTA RECORDS

Is-sena l-oħra, l-iskola tagħna naqqxet isimha fil-Malta Records meta ressqet ammont ta' studenti li rnexxielhom jiftakru ammont ġmielu min-numru π (paj), numru li d-digits tiegħu wara l-punt deċimali ma jispiċċaw qatt u li jintuża ħafna fil-Matematika. Dik is-sena, Juan Scerri rnexxielu jiftakar 637 diġit u stabbilixxa rekord nazzjonali. Din is-sena wkoll kellna ammont ta' studenti li ppruvaw jiksru dan ir-rekord. Catalin Alexandru ħadem bis-sħiħ u rnexxielu jiftakar 772 diġit quddiem il-ġudikant tal-Malta Records.

Din is-sena id-dipartiment innota wkoll li fl-iskola tagħna għandna 2 studenti li huma tajbin ħafna biex isolvu r-Rubik Cube billi jirnexxilhom, f'ħin qasir ħafna, jagħmlu kull faċċata tal-kubu bl-istess kulur. Għalhekk, l-iskola ħasbet biex tressaq dawn l-istudenti għall-Malta Records ukoll. L-aqwa ħin li l-istudent Erik Canova (tat-3 sena) rnexxielu jikseb quddiem il-ġudikant tal-Malta Records kien ta' 47.04 sekonda, filwaqt li l-aqwa ħin tal-istudent Juan Scerri (tal-5 sena) irnexxielu jikseb ħin impressjonanti ta' 19.45 sekonda. Għalhekk Juan Scerri naqqax ismu u dak tal-iskola bħala l-persuna f'Malta li solviet ir-Rubik Cube fl-iqsar ħin. Prosit tassew lil Eric u lil Juan!



*Id-Dipartiment tal-Matematika*

# A MATHEMATICS LESSON STUDY

The concept of a lesson study originated in Japan in order to encourage teachers to learn from each other and to develop professionally together. Through a lesson study teachers collaborate to create a high quality lesson based on their collective experiences while learning from each other in the process.

At our school, Ms L. Vella, Ms L. Libreri, Ms R. Galea, Ms M. Saliba and Mr A. Ellul decided to embark on a mathematics lesson study for the first time. Throughout this scholastic year we held weekly meetings to be able to plan and prepare the lesson. During one of the initial meetings, Mr James Calleja was invited to share his experience in this area and to help the group gain a better insight on how to proceed throughout this exercise. The group then discussed the main objectives of the lesson. Our main objective was to encourage students to apply the mathematical concepts learnt in class to a real-life situation and to make connections between different topics. A situation was created: *A worker needs to position a fireplace in the corner of a rectangular room in a symmetrical manner. What are the dimensions of the marble slab which is needed to cover the empty space between the fireplace and the wall?* After finalising the wording of the question, to make the situation more realistic, we decided to build six life-size fireplaces out of cardboard and paper – one fireplace for each group. A 4-minute play was also written, enacted and video-recorded. This was to be used as an introduction to the lesson to help the students familiarise themselves with the situation. More discussions were held to finetune the lesson procedure and provide other resources that were needed.

One of the teachers conducted the first trial of the lesson. A University lecturer and another Maths teacher were invited to attend. They, together with the other teachers of the group, observed both the lesson and the way particular students dealt with the task at hand. After the lesson, feedback was collected from all the observers and discussed. We then made the necessary changes to the lesson plan and another teacher then conducted the same lesson with another class of the same Year and track. For the second trial, besides the teachers of the group, an Education Officer was invited to observe the lesson and to provide feedback. The lesson plan was then finalised after another round of evaluation was carried out.








One of the observations that surprised us was the fact that the students who do not usually perform very well in class, when given a real-life situation, can contribute a lot to the group. Strangely, the traditionally good performers needed more help to be able to handle such real-life situations.

Looking back, the lesson study provided us with a number of challenges. What topics shall we tackle? What situation/task shall we create? Are we going to have enough time to come up with all the resources we plan? If it had just been one teacher planning the lesson, it would have been nearly impossible to deliver since so much preparation time was required! Throughout the whole exercise we continuously shared problems and offered solutions; we supported each other and this could not have been possible if it were not for our great sense of collegiality.

# eTWINNING SEMINARS

Some students in our schools are involved in the eTwinning project "Educate" assisted by Ms Rodianne Haber. eTwinning is a European platform that gives the opportunity to teachers and students from different countries to engage in projects to collaborate, share and communicate with each other online.

Last March, Ms Erica Cezek (Assistant Head), had the opportunity to attend an eTwinning seminar in Pogradec, Albania, on how to find collaborative ways through eTwinning for new initiatives with regards to 'Problem Solving and Critical Thinking in our Schools'. The aim of such seminars is for educators from all over Europe to meet, collaborate and get involved in projects together for the benefit of their students. During this seminar, participants worked and discussed changing and improving their methodology based upon the mentioned concepts. Teachers shared ideas, experiences and good practices and a common factor highlighted was that their students engage most effectively during project-based learning. It empowers them to control their learning and it teaches higher order knowledgeable skills such as producing new and innovative ideas and solving problems, reflecting critically on learning experiences and making effective decisions. They participated in workshops focused on teaching and eliciting vital employability skills, by giving students the opportunity to work in teams, communicate, share and learn from and contribute to the learning of others.

In April, Mr Jurgen Azzopardi attended another eTwinning seminar in Izmir, Turkey for teachers who are new to the platform. The eTwinning platform was introduced and made clear the various values this programme can instil in students and teachers. It is an easy practice that can be seamlessly integrated in the daily school life of teachers and students but that will considerably strengthen the learning experiences of anyone involved. Multiple good practices of projects and their positive outcomes were presented. One could easily learn how good planning can easily achieve great results. During this seminar, participants had the opportunity to mingle and make contacts for future projects.









Our school is looking forward to begin working on other new projects and would like to encourage anyone to get on board this platform for the benefit of our students, our school community and for the professional growth and development of the staff.

*Ms Erica Cezek*
Assistant Head

*Mr Jurgen Azzopardi*
Physics Teacher

# NIĊĊELEBRAW IL-LINGWA FRANĊIŻA

Nhar it-Tlieta 2 t'April, grupp ta' 10 studenti tal-Franċiż tal-għaxar sena akkumpanjati minn żewġ għalliema marru l-Birgu sabiex jieħdu sehem f'kaċċa għat-teżor flimkien ma' 17-il skola oħra minn Malta u Għawdex. Din l-attività kienet organizzata mid-Dipartiment tal-Franċiż immexxi mill-uffiċjal edukattiv is-Sa Doreen Farrugia sabiex infakkru Jum il-Frankofonija. Dan il-Jum jiġi ċċelebrat fl-20 ta' Marzu biex niċċelebraw il-lingwa Franċiża mitkellma madwar id-dinja kollha f'pajjiżi bħall-Belġju, il-Kanada, it-Tuneżija, il-Marokk, is-Senegal, il-Libanu u bosta oħrajn. Ingħatajna mappa tal-Birgu u madwar 25 mistoqsija







bil-Franċiż relatati mal-lingwa Franċiża kif ukoll storja u tagħrif ġenerali. Kellna biss 40 minuta u għalhekk ġrejna fuq li ġrejna biex konna l-ewwel skola li lestejna. Minkejja li konna 2 gruppi mill-iskola, ħdimna flimkien u għinna lil xulxin kemm stajna. Tħabbru r-riżultati u ġibna l-iżjed punti kemm minħabba t-tweġibiet tajbin kif ukoll il-ħin biex b'hekk ikkwalifikajna fl-ewwel u t-tieni post. M'għandniex xi ngħidu, l-istudenti kienu fis-seba' sema u aħna l-għalliema wkoll! Ingħatajna ċertifikati u numru sabiħ ta' kotba sponsorjati mill-Ambaxxata Franċiża f'Malta kif ukoll xi rigali oħra. Erġajna wkoll ġibna għat-tielet darba t-trofew fl-iskola tagħna. Kien nofstanhar mill-isbaħ u li żgur l-istudenti tagħna mhux se jinsew!

*Id-Dipartiment tal-Franċiż*

# KARL MARX: A POLITICAL PHILOSOPHER



Karl marx was a philosopher, a man of revolution and a sociologist. Economist and historian. Born in 1818, Prussia (now trier Germany) at the 5th of May. His mother and father were dutch, and he was Jewish. This man's works have effected the times to come; have effected how philosophers think and society. Karl Marx's most popular works, are Das kapital and the communist manifesto. Karl believed in socialist ideals with collaboration to Fredrich Engles they spread the global ideology.

Marx was known to be against a capitalist industry were the owners manipulate capital goods and distribute pay if any to the workers. The income is lead to the owners for profit rather to the workers and the nation. The works Karl and Engles has rose the will of the people to fight against inequality, but also created countries like the Soviet Union. In no way he wanted to create harsh dictatorships like Joseph Stalin did. In his mind he wanted a society which equally distributes goods to the state and industry is owned by the state rather by the owners. His work still affect our thinking and his work is still being foll owed till this day.

*Emerson Caruana*
9.4

# ATTIVITAJIET MID-DIPARTIMENT TAL-PE



Matul dawn l-aħħar xhur id-Dipartiment tal-Edukazzjoni Fiżika organizza diversi attivitajiet għall-istudenti tal-iskola kollha.

L-istudenti ttieħdu trekking li huwa parti mill-kurrikulu tal-edukazzjoni fiżika. Iż-żewġ rotot li ntgħażlu kienu mix-Xemxija sal-Għadira u l-oħrajn ittieħdu rotta li tibda u tispiċċa f'Għajn Tuffieħa; dawn huma żewġ rotot mal-kosta tat-Tramuntana ta' pajjiżna. Fil-fatt, parti mill-kurrikulu tal-Edukazzjoni Fiżika jinkludi sessjoni fuq l-Outdoor Education u t-trekking huwa parti minn din id-dixxiplina.



Matul l-aħħar xhur ukoll ġew organizzati żewġ sports days għall-istudenti kollha maqsuma f'żewġ dati separati. Waqt din il-ġurnata ta' attività fiżika, l-istudenti ħadu sehem fi sports differenti fosthom kellhom kompetizzjoni tal-atletika, fejn hawnhekk ikkompetew individwalment u wkoll sports li kellhom jieħdu sehem permezz ta' tim fosthom basketball, u volleyball.

L-għan tal-isports day huwa li l-istudenti jaħdmu fuq ħiliet u valuri li takkwistahom mill-isport fosthom il-parteċipazzjoni massima, ix-xogħol f'tim, il-koperazzjoni u fuq kollox li tieħu gost.

L-isports day tara lill-istudenti tal-Years kollha jaħdmu flimkien biex jilħqu għan wieħed irrispettivament mill-ġeneru, l-età, il-problemi fiżiċi u l-forma fiżika tagħhom.

Barra minn hekk, l-isports days ikomplu jqajmu kuxjenza biex wieħed jgħix ħajja sana.

Wieħed ma jistax jinsa l-league tal-football, fejn il-klassijiet jieħdu sehem f'tournament u jiltaqgħu biex jilagħbu kontra tim ieħor ta' klassi oħra tal-istess Year Group. Din hija attività li ssir fil-brejk it-twil u li tiġġenera interess qawwi anke mill-istudenti tal-klassi li ma jkunux fiżikament fil-ground.







Intant, id-Dipartiment tal-Edukazzjoni Fiżika, jissejjaħ biex jassisti jew jorganizza attivitajiet ta' Fund raising. Fil-fatt bħala parti minn Festa Komunità, li ssir aktar tard lejn l-aħħar tas-sena skolastika, id-Dipartiment tal-Edukazzjoni Fiżika organizza fun run/walk/cycle fejn l-istudenti telqu mill-iskola biex segwew rotta speċifika jew billi mxew, jew billi ġrew jew inkella billi użaw ir-rota. L-attività, li saret nhar il-Ġimgħa 3 ta' Mejju, kellha konkorrenza sabiħa.



*Id-Dipartiment tal-PE*

# SCIENCE FESTIVAL FOR YEAR 8









On Friday 15th March, the Science Department at our school organised a Science Festival targeting Year 8 students coming from St. Benedict College Middle School. During the event that was held in the school's Science laboratories, the guest students had the opportunity to follow a series of live experiments and demonstrations that were animated by a number of Year 9 and Year 10 Science students. Eventually, as the visiting Year 8 students moved from one lab to the other, they were also encouraged to participate in a wide variety of Science activities where they had the possibility to solve scientific questions, carry out observations and discuss the Science involved in the specific experiment or demonstration. One has to finally add that preparation for this event started months before. During this period, Biology, Chemistry and Physics teachers worked hand in hand with the students who animated this Science Festival so that the students could ultimately prepare their presentations and eventually contribute to making this event a success.

# BENEDITTINI YOUNG REPORTERS




Our students have indeed become Young Reporters by conducting investigations in their locality or on a national level with the aim of making a difference around them. They investigated issues related to sustainable development, such as marine pollution, waste, shipping emissions, plastic use, hunting, tourism, globalisation and poverty.

The students' work was submitted for the Young Reporters for the Environment (YRE) competition. YRE is a programme designed specifically for secondary and post secondary students. The main aim is to carry out investigations on local environmental issues and propose solutions through investigative reporting and photojournalism. The goal of YRE is to engage youths in resolving environmental problems and issues.

Well done Young Reporters! Good luck!

# NITGĦALLMU WAQT LI NITILGĦU IT-TARAĠ

L-iskola tagħna hija rinomata għall-attivitajiet innovattivi li tnibbet għall-benefiċċji tal-istudenti. Ħafna mill-ideat ikunu ideat oriġinali li ħarġu bihom l-għalliema u/jew l-istudenti. Oħrajn jinbtu wara li wieħed jara xi idea fuq l-internet jew xi sors ieħor. Fil-fatt, hekk ġara bl-idea li kienet addottata lejn l-aħħar ta' din is-sena skolastika. L-għalliem tal-komunikazzjoni grafika s-Sur Alfred Muscat addotta l-idea li ra fuq sit







edukattiv bil-faċċati tat-turġien ikollhom kliem importanti li l-istudenti tajjeb li jaraw frekwentament biex jonqsu l-iżbalji grammatikali u/jew formoli li jintużaw fil-Matematika jew Fiżika u li tajjeb wieħed jiftakar. Huwa dak is-sabiħ li naraw fl-iskola tagħna, li proġett li jibda minn għalliem wieħed u jidħlu fih diversi għalliema ta' suġġetti differenti. Waqt li s-Sur Muscat ħareġ bl-idea, ingħaqdu miegħu l-għalliema tas-suġġetti bażiċi li kollha offrew ideat ta' kliem li ħaqqu jkun muri f'waħda mill-faċċati tat-taraġ. Fosthom insibu kliem jew frażijiet li l-għalliema spiss isibu żbalji fihom mingħand diversi studenti, bħal żbalji komuni fl-otrografija jew fil-




punteġġjatura. Minbarra li kellu l-għan li jitpoġġa kliem li l-istudenti se jiftakru, l-istickers li twaħħlu għamlu t-taraġ wieħed estetikament isbaħ.

Minbarra l-kliem u frażijiet, ittieħdet ukoll l-inizjattiva li jitwaħħlu passi, din id-darba fuq il-wiċċ tat-taraġ, li jgħinu lill-istudenti jaraw liema taraġ jużaw biex jitilgħu fis-sular ta' fuq u liema taraġ jużaw biex jinżlu isfel. Dawn il-passi huma ideat li ħarġu mill-politika li kienet varata riċentement u li għandha l-għan li tgħin l-iskejjel isiru autism friendly schools. Fil-fatt, dawn il-passi jgħinu lil tfal bl-awtiżmu biex jagħrfu liema taraġ għandhom jużaw. Din hija biss l-ewwel minn sensiela ta' proġetti li ser isiru sabiex kulma jmur l-iskola tagħna ssir aktar autism friendly.



# L-ISTUDENTI TAL-ĦAMES SENA

Ħafna studenti jagħżlu modi differenti ta' kif itemmu l-ħames snin fis-sekondarja tagħhom. L-istudenti tagħna għażlu li jagħmlu dan b'ġest nobbli. Kien ilhom żmien jaħsbu x'jistgħu jagħmlu biex iħallu l-marka tagħhom fl-iskola. Dan wara li s-sena l-oħra, il-grupp tal-Ħames Sena għażlu li jqaxxru xagħarhom bħala fund raising u ġabru s-somma ta' €450 għal Puttinu. Minn hawn u minn hemm, din is-sena ħarġu bl-idea li jsir t-shirt personalizzat.  L-għan kien li jkollhom rikordju però wkoll biex il-qligħ tiegħu jmur għal Dar Bjorn.





Hekk kif nibtet l-idea, Sarah Scicluna, Isabelle Farrugia, Kimberley Ellul u Martina Zammit flimkien mas-Sa. Ann-Marie Micallef, bdew jiġbru l-qisien u l-flus.  Magħhom ingħaqdu sħabhom l-istudenti, kif ukoll bosta għalliema. Kif imxiet il-kelma ta' x'kellhom f'moħħhom dawn l-istudenti, ingħaqdu anke individwi li offrew id-donazzjonijiet tagħhom biex is-somma totali kienet dik ta' €1000.




Bjorn kien preżenti waqt l-aħħar ġurnata uffiċjali tal-iskola għal dawn l-istudenti u spjega kif għalkemm diġà hawn Dar Bjorn f'Ħal Qormi, ħafna aktar nies għandhom bżonn l-għajnuna u b'hekk inħasset il-ħtieġa li tinfetaħ it-tieni dar. Bħala skola diġà konna ġbarna s-somma sabiħa ta' €10,000 sentejn ilu minn attivitajiet varji li saru matul is-sena skolastika.

Tajjeb wieħed isemmi li dan kien l-ewwel grupp imħallat ta' tfajliet u ġuvintur li spiċċa l-ħames snin skolastiċi fl-iskola tagħna.

ALSMALTA
WWW.ALSMALTA.ORG




*Stampar:* ***CopyServ Ltd.***
*Triq il-Mimosa, il-Ħamrun*
☎ *77 940 904*
✉ *info@copyservltd.com*